Under the Patronage of
His Excellency the President of Malta
and
unesco

# STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA

VALLETTA, Malta, 7 ta' Frar 2024

**maltabiennale.art jistimula ideat u kreattività fil-ġenerazzjoni Maltija li jmiss**

Hekk kif qed tiżdied l-antiċipazzjoni għal maltabiennale.art, bil-lest għat-tnedija spettakolari tiegħu fit-13 ta' Marzu, 2024, il-festival riċentement iltaqa' mal-ġenerazzjoni Maltija li jmiss ta' artisti, storiċi, u ambaxxaturi kulturali permezz ta' workshop speċjali li huwa maħsub għat-tfal ta' bejn tmien snin u 12-il sena. Organizzat f'MUŻA, l-avveniment ipprovda opportunità unika għat-tfal biex jimirħu fir-rikkezza kulturali li maltabiennale.art se jġib f'Malta.

B'konformità mat-tema ta' maltabiennale.art li ddur mal-esplorazzjoni tal-wirt permezz tal-arti kontemporanja, il-workshop intitolat "L-Esplorazzjoni tal-Globalizzjoni u tal-Identità Maltija Permezz tal-Arti" kien immexxi mill-artist Amerikan Joseph Cochran II, magħruf għal xogħlu fil-fotografija, vidjow, u riċerka arkivjali. Dan il-workshop, lit-tfal offrielhom ħarsa lejn ir-riflessjonijiet tal-artist fuq il-globalizzazzjoni u l-identità. Permezz ta' attivitajiet fi gruppi u diskussjonijiet interattivi, il-parteċipanti żgħar esploraw it-tifsir tas-simboli, daħlu fl-Istorja ta' Malta, u esploraw ukoll netwerks globali fil-vjaġġ artistiku tagħhom stess.

Il-workshop inkuraġixxa lill-parteċipanti biex jistaqsu dwar xi tfisser li tidentifika ruħek bħala Malti, permezz ta' eżempju meħud mis-sinifikat storiku ta' Malta bħala port kummerċjali fil-Mediterran. Is-sessjoni mhux biss qanqlet il-kreattività iżda wkoll ħawlet żerriegħa ta' kurżità dwar l-influwenzi li sawru l-iżvilupp u l-identità ta' Malta matul is-sekli.

Cochran, artist esperjenzat li x-xogħol tiegħu ntwera f'gallariji rinomati bħal Swivel Gallery (Brooklyn, NY), Gold + Beton (Kolonja, DE), u Decoratelier (Brussell, BE), qed jingħaqad ma' firxa varjata ta' artisti internazzjonali u lokali li bħalissa jinsabu Malta jlestu l-aħħar irtokki għall-installazzjonijiet tagħhom għall-festival. B'kollox, 80 artist minn 23 pajjiż qed jingħaqdu f'Malta biex jipparteċipaw f'20 padiljun nazzjonali u tematiku, li se jittellgħu f'uħud mis-siti prestiġjużi ta' wirt lokali madwar Malta u Għawdex, fosthom Sant'Iermu, Sant'Anġlu, il-Mużew tal-Arkeoloġija, u l-Palazz tal-Inkwiżitur.

Il-bini tal-padiljuni wkoll miexi fl-aqwa tiegħu, kif jidher mill-iżvilupp li qed isir f'Villa Portelli l-Kalkara. Kull padiljun se jservi bħala pjattaforma distinta, li tagħti ħajja

ġdida lil dawn il-postijiet storiċi li se jilqgħu lill-viżitaturi biex jesperjenzaw interazzjoni li tiġbdek bejn il-passat u l-preżent, il-wirt u l-kontemporanju.

Taħt il-patroċinju tal-Eċċellenza Tiegħu l-President ta' Malta, kif ukoll tal-UNESCO, maltabiennale.art sar avveniment kulturali globali notevoli għall-2024. Permezz tar-rikonoxximent minn pubblikazzjonijiet bħal The Guardian, fuq il-kalendarju kulturali tad-dinja, Malta assigurat post bħala destinazzjoni li wieħed għandu jżur. Il-festival se jiġi inawgurat mill-Eċċellenza Tiegħu l-President ta' Malta Dr George Vella waqt ċerimonja speċjali li se ssir fis-Sala tat-Tron tal-Palazz tal-Granmastru nhar it-Tlieta 12 ta' Marzu 2024.

Qabel it-tnedija uffiċjali tal-festival, maltabiennale.art, b'kollaborazzjoni ma' diversi artisti, imsieħba uffiċjali, u kollaboraturi, se jospita diversi avvenimenti, workshops, u diskussjonijiet. Nies ta' kull età minn kull sfera tas-soċjetà qed jiġu mistiedna biex jimpenjaw ruħhom fil-konfront tat-tema tal-festival, iċ-ċelebrazzjoni tal-wirt u l-arti kontemporanja. Dan jippreżenta opportunità unika għal Malta biex tingħaqad mas-siti ta' wirt tagħha b'modi ġodda u sorprendenti. Barra minn hekk, joffri merħba mill-qalb lil ħafna viżitaturi internazzjonali, u joffrilhom ċans li jesperjenzaw lill-Malta, il-kultura, u l-Istorja tagħha għall-ewwel darba permezz ta' dan l-avveniment kulturali sinifikanti.

*maltabiennale.art hija inizjattiva tal-Heritage Malta permezz ta' MUŻA, il-Mużew Nazzjonali tal-Arti, bi sħubija mal-Kunsill Malti tal-Arti. maltabiennale.art hija ppreżentata wkoll b'kollaborazzjoni mal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ, mal-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, mal-Ministeru ta' Għawdex, kif ukoll ma' Visit Malta, Malta Libraries, MCAST, Festivals Malta, L-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta u Spazju Kreattiv. L-inizjattiva tinkludi s-sehem tal-Iskola tal-Arti Viżiva u Performattiva f'Malta, AUM, ŻfinMalta, KorMalta, Teatru Manoel, L-Orkestra Filarmonika ta' Malta, Franco La Cecla, IULM University Milan, id-Dipartiment tal-Istudji Umanistiċi, il-Fakultà tal-Arti u Turiżmu, id-Dipartiment tal-Wirt Kulturali ta' Taħt il-Baħar ta' Heritage Malta, id-Dipartiment Arkeoloġiku ta' Heritage Malta u l-Mużew Marittimu ta' Heritage Malta.*

*maltabiennale.art tista' ssibhom online:*
*Is-sit uffiċjali: www.maltabiennale.art*
*Facebook, Instagram, LinkedIn: @maltabiennale*
*Email: info@maltabiennale.art*

## PRESS RELEASE

VALLETTA, Malta, 7th February 2024

**maltabiennale.art sparks ideas and creativity in Malta's next generation**

As anticipation builds for maltabiennale.art, poised for its spectacular debut on March 13, 2024, the festival recently encountered Malta's next generation of artists, historians, and cultural ambassadors through a special workshop catering to children aged eight to 12. Held at MUŻA, the event provided a unique opportunity for children to immerse themselves in the cultural richness that maltabiennale.art is set to bring to Malta.

In keeping with maltabiennale.art's theme of exploring heritage through contemporary art, the workshop titled "Exploring Globalisation and Maltese Identity Through Art" was led by American artist Joseph Cochran II, known for his work in photography, video, and archival research. The workshop offered children a glimpse into the artist's reflections on globalisation and identity. Through engaging group activities and discussions, the young participants navigated the meaning of symbols, delved into Malta's history, and explored global networks in their own artistic journey.

The workshop encouraged the participants to question what it means to identify as Maltese, drawing on Malta's historical significance as a trade port in the Mediterranean. The session not only sparked creativity but also planted seeds of curiosity about the influences that have shaped Malta's development and identity over the centuries.

Cochran, a seasoned artist whose work has been showcased in renowned galleries like Swivel Gallery (Brooklyn, NY), Gold + Beton (Cologne, DE), and Decoratelier (Brussels, BE), joins a diverse array of international and local artists currently in Malta putting the finishing touches to their installations for the festival. In total, 80 artists from 23 countries are converging in Malta to participate in 20 national and thematic pavilions, which will be set up in some of Malta and Gozo's prestigious heritage sites, including St Elmo, St Angelo, the Archaeological Museum, and Inquisitor's Palace,

The construction of the pavilions is also in full swing, as can be seen by the unfolding spectacle at Villa Portelli in Kalkara. Each pavilion will serve as a distinct platform, breathing new life into these historic venues which will welcome visitors

to experience a captivating interplay between the past and present, heritage and the contemporary.

Under the esteemed patronage of His Excellency the President of Malta and UNESCO, maltabiennale.art has become a notable global cultural event for 2024. Gaining attention from publications like The Guardian, Malta has secured a place as a must-visit destination on the world's cultural calendar. The festival will be inaugurated by His Excellency the President of Malta Dr George Vella during a special ceremony that will take place in the Throne Room of the Grandmaster's Palace on Tuesday 12 March 2024.

Before the festival's official commencement, maltabiennale.art, in collaboration with various artists, official partners, and collaborators, is set to host numerous events, workshops, and discussions. People of all ages and backgrounds are being invited to engage with the festival's theme, celebrating heritage and contemporary art. This presents a unique opportunity for Malta to connect with its heritage sites in new and surprising ways. Additionally, it offers a warm welcome to many international visitors, providing them with a chance to experience Malta, its culture, and history for the first time through this significant cultural event.

*maltabiennale.art is a Heritage Malta initiative through MUŻA, the Malta National Community Art Museum, in partnership with Arts Council Malta. maltabiennale.art is also presented in cooperation with the Ministries for Foreign and European Affairs and Trade, National Heritage, the Arts and Local Government, and Gozo, as well as with Visit Malta, Malta Libraries, MCAST, Festivals Malta, Valletta Cultural Agency and Spazju Kreattiv. With the participation of Malta School of Art, AUM, ŻfinMalta, KorMalta, Teatru Manoel, Malta Philharmonic Orchestra, Franco La Cecla, IULM University, Milan, Department of Humanities Studies, Faculty of Arts and Tourism, Underwater Department Heritage Malta, Archaeological Department Heritage Malta and Maritime Museum Heritage Malta.*

*maltabiennale.art is online:*
*Official website: www.maltabiennale.art*
*Facebook, Instagram, LinkedIn: @maltabiennale*
*Email: info@maltabiennale.art*